MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Numru. 547/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Sandro (Alexander George) Schembri Adami**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Sandro (Alexander George) Schembri Adami ta' 42 sena, bin Franz u Yvonne nee Brincat, imwieled Attard fil-25 ta' Awissu 1963, residenti f'numru 15, Flat 17, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 488863(M).

U nakkuzah talli f'dawn il-gzejjer, f'Marzu tas-sena 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal pubbliku approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' flus li komplessivament jeccedi s-sittax il-elf lira Maltin (LM 16,000.00) ghad-dannu ta' Carmen Bartolo, eredi tal-mejjet Francis Bartolo, Anton Cristina, Kenneth Paul Galea, Terence Abdilla, Joanne Cassar, Michael Muscat u Jonathan Psaila, Louis Castagna u l-eredi tal-mejjet Joseph Hili, Stephania Dimech Difesa, Charlot Magro u martu Hilda Magro nee' Maggi; Pauline Mifsud u l-eredi tal-mejtin Publius u Inez konjugi Stellini, l-eredi tal-mejjet Giuseppe Darmanin, il-konjugi Salvatore u Carmela Borg; Liliana Cassar nee' Muscat u Vincenza Muscat, Joseph Camilleri u martu Valerie Camilleri nee' Fenech, u s-socjeta' Class Properties Ltd (C23627); liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Lulju 2004, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' elf, seba' mija u hamsin lira Maltin (LM1,750.00) ghad-dannu ta' Vincenza Muscat u bintha Liliana Cassar nee' Muscat;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju tas-sena 2004 jew fix-xahar ta' qabel, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal pubbliku, fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra illi meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew min bank jew stabbilment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Kif ukoll talli f’dawk il-Gzejjer, f’Marzu tas-sena 2005 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghu ta’ ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b’taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor;

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hu ukoll akkuzat :

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita tieghu ta' Nutar Pubbliku, naqas li jhallas it-taxxa dovuta taht id-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokument u Trasferimenti;

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hu aktar akkuzat :

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita tieghu ta' Nutar Pubbliku, naqas li jhallas it-taxxa dovuta taht id-disposizzjonijiet ta' l-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 30 (1) (a), 140, 141 u 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spjejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 19 ta' Novembru 2008 (esebita a fol. 388 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 293, 294, 310, 308, 309, 179, 167, 169, 183, 184, 189, 138, 30(1)(a), 140, 141, 190, 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikolu 50(a) tal-Kap. 364;
(c) fl-artikolu 49(9)(b) tal-Kap. 372;

Rat li waqt l-udjenza tat-8 t'Ottubru 2010, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza naqsu milli jipprezentaw in-Nota tas-Sottomisjonijiet finali entro t-terminu lilhom prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw principalment sensiela ta' rapporti dwar allegata misapproprjazzjoni ta' fondi ricevuti mill-imputat sabiex jithallsu lill-Kummisarju tat-Taxxi Nterni bhala boll fuq trasferimenti jew Capital Gains Tax u dan fil-kwalita' tieghu ta' Nutar Pubbliku fuq atti li huwa kien ippubblika f'din il-kapacita. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv f'dan il-kaz, l-iSpettur Angelo Gafa'[1], jirrizulta li l-Pulizija harget dawn l-imputazzjonijiet wara li rceviet tlettax il-rapport separat minghand individwi li kienu ghaddew il-flus lill-imputat fuq konvenji jew kuntratti li kien ippubblika u dan sabiex jithallsu bhala boll jew Capital Gains Tax u li wara skoprew li dawn il-fondi ma kienux gew debitament mghoddija minnu lil Kummissarju tat-Taxxi Nterni u sussegwentement li l-att relattiv ma kienx gie debitament registrat u insinwat. F'hafna mill-kazi l-individwi koncernati kellhom jergghu ihallsu t-taxxa dovuta mill-gdid sabiex ikun jista' jigi registrat u insinwat l-att relattiv u sabiex jigu salvagwardjati l-interessi taghhom.

Il-Qorti sejra tghaddi sabiex telenka kull rapport individwalment skond dak li rrizulta mil-atti processwali. L-ewwel kaz jirrigwarda kuntratt ta' *causa mortis* li gie ffirmat quddiem l-imputat lejn l-ahhar tas-sena 2004 wara l-mewt ta' Francis Bartolo. Antoinette Mallia, bint id-*decuius ghan-nom ta' ommha* Carmen Bartolo irrappurtat li din tal-ahhar kienet ghaddiet lill-imputat, elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) ghall-hlas tal-boll u biex eventwalment jinsinwa dan il-kuntratt. Mallia ipproduciet ircevuta fiskali li tikkonferma dan il-pagament u stqarret kif kienet skopriet li apparti li Schembri Adami kien hadilhom id-doppju tal-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, dan kien

[1] Li xehed waqt l-udjenza tat-23 ta' Gunju 2008.

anke naqas li jinsinwa dan il-kuntratt. Dan gie kkonfermat mid-Direttur tal-Capital Transfer Duty Department fl-Ufficcju tat-Taxxi Interni. Kemm Antoinette Mallia kif ukoll Carmen Bartolo xehdu f'dawn il-proceduri fejn ikkonfermaw ir-rapport minnhom maghmul u identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li ghaddewlu l-flus. Fid-29 ta' Dicembru 2005 l-imputat irrilaxxja stqarrija[2] fejn dan ammetta li kien jaf li l-flus mghoddija lilu minghand Carmen Bartolo kienu dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, ikkonferma wkoll li dawn il-flus ma kienx utillizzahom sabiex jinsinwa l-istess kuntratt u kien fil-fatt uzahom ghal xi kuntratti ohra u mhux il-kuntratt li ghalih Carmen Bartolo kienet hallsitu elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) sabiex jinsinwah. L-imputat stqarr ukoll li kellu problemi finanzjarji u anke rrileva li lil Carmen Bartolo l-anqas kien ghaddielha kopja tal-kuntratt *causa mortis*.

It-tieni kaz jirrigwarda misapproprjazzjoni ta' mitejn u disghin lira Maltin (Lm290) u elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) rispettivament mill-imputat ghad-dannu ta' Anton Cristina. Missier Anton Cristina, Luciano Cristina kien irrapporta li fid-19 t'Ottubru 2004, bhala prokuratur ta' ibnu, kien iffirma konvenju quddiem l-imputat dwar xiri ta' appartament fl-Msida minghand JCR Ltd. Dak inhar tal-konvenju kien halla depozitu ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) akkont tal-prezz man-Nutar u bl-iskop li jithallas il-provisional stamp duty u b'hekk il-konvenju jigi nsinwat, fl-istess gurnata kien anke ghadda cekk ta' mitejn u disghin lira Maltin (Lm290) lill-imputat izda minkejja dan is-CIR ma' kienu rcevew xejn. Il-konvenju in kwistjoni skada fl-10 t'Awwissu 2005. Dawn il-fatti gew debitament konfermati minn Luciano Cristina li xehed f'dawn il-proceduri kif ukoll mir-rapprezentant tal-Kummisarju tat-Taxxi Nterni. Fi stqarrija[3] rilaxxjata mill-imputat, dan ammetta li l-flus mghoddija lilu minn Luciano Cristina ma kienx utilizzahom ghall-iskop specifikat u cioe' sabiex jithallas il-1% provisional stamp duty izda uzahom ghal skopjiet ohra. Stqarr ukoll li minkejja dan kollu huwa baqa' fil-pussess ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) li

[2] Inserita a fol. 51 u 52 tal-atti processwali.
[3] Inserita a fol. 55 u 56 tal-atti processwali.

wkoll qal li uzahom ghal skopijiet ohra. Ghal darb'ohra rega' stqarr li ghandu problemi finanzjarji minhabba nfiq esagerat fil-politika.

It-tielet kaz jirrigwarda rapport li sar fit-2 ta' Lulju 2005 minn Conrad Vella li jahdem bhala financial consultant, li ghamel ir-rapport ghan-nom ta' Kenneth Paul Galea. Dan stqarr li fit-12 t'April 2004, Kenneth Paul Galea kien ghadda s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) permezz ta' cekk lill-imputat sabiex bihom ihallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni t-taxxi dovuti fuq trasferiment ta' appartament permezz ta' donazzjoni minghand missieru Emanuel Galea, izda minkejja dan skopra li l-imputat zamm dawn il-flus ghalih u la hallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u wisq anqas insinwa dan il-kuntratt ta' donazzjoni. Dan gie kkonfermat kemm mir-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni meta xehed f'dawn il-proceduri kif ukoll mill-istess Kenneth Paul Galea li wkoll xehed f'dawn il-proceduri. Fl-istqarrija rilaxxjata fil-10 t'Awwissu 2005 [4] l-imputat ammetta li filwaqt li kien jaf li ma kellux jedd ghal dawk il-flus, kien fil-fatt uzahom ghal kuntratti ohra. Ghal darb'ohra semma l-problemi finanzjarji li kien ghaddej minnhom minhabba infiq fil-politika.

Ir-raba' kaz jirrigwarda allegata misapproprjazzjoni ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) u elf hames mija u erbghin lira Maltin (Lm1540) ghad-dannu tal-kompraturi Terence Abdilla u Joanne Cassar u l-vendituri Michael Muscat u Jonathan Psaila rispettivament fejn dawn l-ammonti thallsu fuq kuntratt ta' trasferiment ta' propjeta'. Il-kompraturi Abdilla u Cassar meta xehdu f'dawn il-proceduri spjegaw li fis-16 ta' Dicembru 2004, akkwistaw maisonette f'Hal-Qormi minghand Michael Muscat u Jonathan Psaila. Spjegaw kif minkejja li lill-imputat kienu tawh mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) mal-konvenju u hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) mal-kuntratt ghal skopijiet ta' taxxa fuq trasferiment ta' proprjeta' u sabiex b'hekk jinsinwa l-kuntratt, dan baqa' ma sarx. L-istess kien ghamel bl-elf hames mija u erbghin lira Maltin (Lm1540)

[4] Inserta a fol. 61 u 62 tal-atti processwali.

mghoddija lilu mill-vendituri Muscat u Psaila ghal skopijiet ta’ Capital Gains Tax kif ikkonfermaw l-istess Muscat u Psaila meta xehdu f’dawn il-proceduri. L-images tac-cekkijiet relattivi[5] juru li dawn gew msarrfa mill-imputat jew iddepozitati fil-kont bankarju tieghu. Mill-verifiki li saru mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni rrizulta li l-kuntratt ma kienx gie nsinwat minkejja li l-konvenju relattiv kien gie nsinwat, fl-10 t’Awwissu 2005, l-imputat ammetta fi stqarrija rilaxxjata fl-10 t’Awwissu 2005[6] li kien ghamel misapproprjazzjoni indebita tal-flus in kwistjoni u li kien uzahom sabiex ihallas it-taxxa fuq kuntratti ohra u mhux dan il-kuntratt partikolari.

Il-hames kaz jirrigwarda kuntratt *causa mortis* dejjem ippubblikat mill-imputat fit-3 ta’ Marzu 2005 rigwardanti l-mewt ta’ Joseph Hili. Louis Castagna, r-ragel tat-tifla ta’ Hili rrapporta li minkejja li kien ghadda lill-imputat elf u hamsin lira Maltin (Lm1050) f’isem l-eredi ta’ Joseph Hili u dan ghal skopijiet ta’ taxxi imponibbli fuq l-istess kuntratt u sabiex b’hekk dan eventwalment jigi insinwat. Il-kwerelant rrileva li minkejja li Schembri Adami kien qallu li kien insinwa dan il-kuntratt, huwa kien skopra l-kontra u kien ghalhekk li qabbad lil nutar iehor. Dan gie konfermat mill-imsemmi kwerelant li xehed fil-proceduri odjerni kif ukoll mir-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. Fl-10 t’Awwissu 2005 l-imputat irrilaxxja stqarrija[7] fejn ikkonferma li dawn il-flus ma kienx utilizzahom sabiex jinsinwa l-istess kuntratt u kien fil-fatt uzahom ghal xi kuntratti ohra u mhux il-kuntratt li ghalih Castagna kien halsu elf u hamsin lira Maltin (Lm1050) sabiex jinsinwah. Schembri Adami stqarr li kellu problemi finanzjarji derivanti principarjament minn infiq esagerat fil-politika.

Is-sitt kaz zvolga fuq kwerela datata 8 t’Awwissu 2005 maghmula mill-Avukat Dr. Jose’ Herrera LL.D. fejn dan allega misapproprjazzjoni ta’ erba’ mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm455) min-Nutar Schembri Adami ghad-dannu ta’ Stephania Dimech Difesa. Din tal-ahhar meta xehdet f’dawn il-proceduri spjegat li minkejja li kienet

[5] Inserita a fol. 70 u 71 tal-atti processwali.
[6] Inserita a fol. 67 u 68 tal-atti processwali.
[7] Inserita a fol. 72 u 73 tal-atti processwali.

ghaddiet dawn il-flus lin-Nutar Schembri Adami sabiex bihom ihallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni t-taxxi dovuti fuq trasferiment ta’ maisonette fil-Kappara permezz ta’ donazzjoni minghand ommha u hutha, skopriet li l-imputat zamm dawn il-flus ghalih u la hallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u wisq anqas insinwa dan il-kuntratt ta’ donazzjoni datat 29 t’Awwissu 2001. Dan gie ukoll debitament ikkonfermat mir-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. Fis-26 t’Awwissu 2005 l-imputat irrilaxxja stqarrija [8] fejn ammetta li filwaqt li kien jaf li ma kellux jedd ghal dawk il-flus, kien fil-fatt uzahom ghal kuntratti ohra. Semma wkoll l-infiq fil-politika u li din kienet ir-raguni principali ghan-nuqqas tieghu.

Fis-seba’ kaz, l-imputat allegatament ghamel approprjazzjoni indebita ta’ elf seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm1750) ghad-dannu tal-kompraturi Charlot Magro u martu Hilda nee’ Maggi. Meta dawn xehdu fil-proceduri odjerni spjegaw li fit-23 ta’ Lulju 2003 kienu akkwistaw maisonette f’Marsascala minghand certu Elton u martu Lucienne Cunningham u qalu li minkejja li lin-Nutar Schembri Adami kienu tawh elf seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm1750) ghal skopijiet ta’ taxxa fuq trasferiment ta’ proprjeta’ u sabiex b’hekk jinsinwa l-kuntratt, dan baqa’ ma’ sarx. L-image tac-cekk in kwistjoni[9] juri li gie msarraf mill-imputat nnifsu. Fil-11 ta’ Novembru 2005, l-imputat ammetta fi stqarrija[10] li minkejja li kien irceva dawn l’elf seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm1750) ghal skopijiet ta’ taxxa, huwa kien naqas milli jinsinwa dan il-kuntratt peress li ma kienx hallas il-boll. Ma ftakarx ezatt x’ghamel bil-flus in kwistjoni peress li kienu ghaddew fuq sentejn mit-tisrif tac-cekk li fuqu gharaf il-firma tieghu. Anki f’dan il-kaz ir-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kkonferma li ma kien sar l-ebda hlas fuq dan il-kuntratt u ghaldaqstant dan baqa’ ma giex insinwat.

It-tmien kaz gie rrappurtat lill-Pulizija minn Pauline Mifsud. Meta xehdet f’dawn il-proceduri din stqarret li fl-14 ta’

---

[8] Inserita a fol. 77 u 78 tal-atti processwali.
[9] Inserit a fol. 83 tal-atti processwali.
[10] Inserita a fol. 80 u 81 tal-atti processwali.

Lulju 2004 iffirmat kuntratt ta’ trasferiment ta’ proprjeta’ f’Hal-Balzan minghand il-werrieta tal-konjugi Publius u Inez Stellini. Hija spjegat li minkejja li lill-imputat kienet hallsitu s-somma ta’ Lm130 mal-konvenju u Lm325 mal-kuntratt sabiex bihom ihallas il-boll u jinsinwa din il-proprjeta’ f’isimha, din skopriet li minn dan kollu ma’ sar xejn u fil-fatt ziedet tghid li f’April 2005 regghet mill-gdid hallset sehemha u cioe’ erba’ mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm455) kif ukoll sehem il-vendituri u cioe disa’ mija u ghaxar lira Maltin (Lm910) u dan ghall-fatt li l-proprjeta’ li lilha kienet giet trasferita kienet ghadha tidher fuq il-vendituri Stellini. F’dan il-kaz ir-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kkonferma li t-taxxi dovuti kienu recevewhom f’Mejju 2005 bhalma spjegat Pauline Mifsud. Fil-11 ta’ Novembru 2005 l-imputat irrilaxxja stqarrija[11] fejn qal li ma setax  jiftakar x’ghamel bil-flus mghoddija lilu mill-kompraturi u l-vendituri rispettivament. Minkejja dan kollu huwa gharaf il-firma tieghu fuq image ta’ cekk tal-BOV numru 317 ghall-ammont ta’ mija u tletin lira Maltin (Lm130[12]) u liema cekk kien mahrug minn Pauline Mifsud.

Id-disa’ kaz huwa kemmxejn differenti mir-rapporti l-ohra. Fis-17 ta’ Mejju 2005, Brian Darmanin irrapporta kif wara l-mewt ta’ missieru f’Mejju tas-sena 2004, xahar wara, bl-awtorizzazzjoni ta’ hutu kien uza s-servizzi tal-imputat bhala nutar sabiex b’hekk ikun jista’ jigbed il-flus li missieru kellu ddepozitati fin-National Savings and Investments go Glasgow. Minkejja li kien kellem lin-Nutar kemm-il darba dwar l-andament tal-proceduri, dan kien dejjem jghidlu li ma rceva xejn. Wara li ghadda ftit taz-zmien u beda jissuspetta hazin, il-kwerelant ha l-bicca tax-xoghol f’idejh u wara li kiteb direttament lill-Bank barrani, ircieva minghandhom fejn gharrfuh li z-zewg kontijiet li kellu missieru kienu nghalqu fit-13 ta’ Settembru 2004 u kienu fil-fatt ghaddew pagamenti ta’ Stg 1634.62 u hames mija u Stg 505.75 lin-Nutar Sandro Schembri Adami u dan kollu minn wara dahar il-kwerelant u l-familja tieghu tant li l-imputat kien kull darba jghidlu li ma rceva xejn minn

[11] Inserita a fol. 86 u 87 tal-atti processwali.
[12] Inserit a fol. 90 tal-atti processwali.

barra. Fit-8 ta' Novembru 2005, l-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey imqabbad minn Brian Darmanin kien ghadda lil Pulizija images tac-cekkijiet[13] mahruga f'isem l-imputat mill-NS&I ta' Glasgow. Dawn urew bic-car li kienu gew imsarrfa mill-imputat f'Settembru 2004. Fit-12 ta' Dicembru 2005 l-imputat irrilaxxja stqarrija[14] fejn qal li minkejja li f'Settembru 2004 kien irceva z-zewg cekkijiet in kwistjoni u sarrafhom, naqas li jghaddi l-fondi lill-familja Darmanin li lilhom kienu fil-fatt dovuti, u dan fi kliemu ghamlu bi zvista jew nuqqas ta' hsieb. Ghall-kuntrarju, Brian Darmanin xehed li kull darba li kien jistaqsi lill-imputat jew kienx ircieva xi haga minn Glasgow u minkejja li l-flus kienu ga fil-pussess ta' l-imputat, dan kien ta' kull darba jghidlu li flus kien ghadu ma rcevihomx.

Rigward l-ghaxar kaz, fit-2 ta' Dicmebru 2005 Vincent Borg irrapporta lil Pulizija li missieru Saviour li miet fis-27 ta' April 2005 kien fit-18 ta' Novembru 2002, flimkien ma' ommu, akkwista propjeta' minghand l-Awtorita' tad-Djar u dan permezz ta' kuntratt ippublikat mill-imputat. Dan spjega li waqt li kienu ghaddejjin bil-proceduri tal-*causa mortis* ta' missierhom, skoprew li dan il-kuntratt ma kienx insinwat u dan minkejja li l-genituri tieghu kienu ghaddew s-somma ta' mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) lill-imputat sabiex bihom ihallas it-taxxa dovuta. Dawn il-fatti gew konfermati minn Vincent Borg meta huwa xehed f'dawn il-proceduri kif ukoll mir-rapprezentant tal-Kummisssarju tat-Taxxi Nterni. Fit-12 ta' Dicemebru 2005 l-imputat irilaxxja stqarrija[15] fejn huwa ammetta li dawk il-flus kien uzahom ghal skopijiet ohra u mhux ghal dawk li ghalihom kienu gew fdati lilu u ma kienx fil-fatt hallas il-boll ghal liema skop hu kien mghoddi dawn il-flus.

Il-hdax-il kaz bhad-disa' wiehed huwa ftit differenti mill-ohrajn ghalkemm ukoll jitratta dwar misapproprjazzjoni ta' elf seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm1750) mill-imputat ghad-dannu ta' Liliana Cassar u ommha Vincenza Muscat. Fit-3 ta' Settembru 2005 Liliana Cassar irrappurtat lil Pulizja li s-sena ta' qabel ommha kienet

[13] Inseriti a fol. 96 sa 98.
[14] Inserita a fol. 93 u 94.
[15] Inserita a fol. 112 u 113.

ghaddiet bank draft tal-BOV numru 392619 b'ammont ta' elf seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm1750) lill-imputat sabiex dan jiddepozitah il-Qorti ghaliex din Liliana Cassar ma qablitx fuq il-wirt ta' missierha. Din kienet semghet dwar dan izda qatt ma rceviet notifika dwar dan id-depozitu. Gara pero' li xahrejn qabel ma marret taghmel ir-rapport lill-Pulizija, gie zijuha mill-Awstralja fejn dan ikkonfermalha dak li kienet ghamlet ommha. Wara li gabilha dokumenti tal-Bank li jikkonfermaw dan, Cassar skopriet li minkejja li dan il-bank draft kien pagabbli lilha, dan kien gie msarraf mill-imputat u allegat li l-firma fuq wara tac-cekk, li kienet suppost hija taghha, kienet falza u ma kinitx hi li ffirmatha. Liliana Cassar li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta Gunju 2009 ikkonfermat dan kollu u irribadiet li l-firma li kien hemm fuq il-wara tac-cekk inserit a fol. 117 tal-atti processwali u li kienet taqra 'L Cassar' ma kinitx saret minnha. Il-bank draft originali tinsab inserita a fol. 117 tal-process u mill-provi rrizulta wkoll li dan ic- cekk kien gie fit-22 ta' Lulju 2004, iddepozitat fil-kont bankarju bin-numru 10205431024 li l-imputat kellu mal-BOV. Vincenza Muscat, omm Cassar, ukoll xehdet waqt l-udjenza tad-19 ta' Gunju 2009 fejn din spjegat li hija kienet tat il-bank draft lil-imputat sabiex jiddepozitah il-Qorti sabiex dan jigi sbankat minn bintha peress li huma ma kienux jitkellmu u l-imputat kien weghedha li kien ser jiddepozitah il-Qorti. Fid-9 ta' Settembru 2005 l-imputat irrilaxxja stqarrija[16] fejn ammetta li kien iddepozita c-cekk in kwistjoni fl-account tieghu u dan wara li Liliana Cassar kienet naqset milli tigbru. Irid jigi rilevat pero' li Liliana Cassar insistiet li hija qatt ma kienet giet mitluba mill-imputat sabiex tigbor dan ic-cekk. L-imputat ikkonferma li omm Liliana Cassar kienet talbitu sabiex jiddepozitah fil-Qorti filwaqt li zied li kien ghamel id-depozitu fil-kont bankarju tieghu minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Cassar. L-imputat naqas milli jaghti risposta konkreta kif giet il-firma allegatament ta' Liliana Cassar fuq il-wara tac-cekk ghalkemm ikkonferma li l-ohra kienet tieghu. Dwar il-firem li jidhru fuq c-cekk esebit a fol. 117 tal-atti processwali l-Qorti nnominat bhala espert kaligrafu lil Martin Bajada bl-inkarigu li janalizza l-firma "L.

---

[16] Inserita a fol. 115 u 116.

Cassar" li qieghda fil-pagna ta' wara l-bank draft originali li jinsab esebit a fol 117 tal-process u dan sabiex jistabilixxi jekk dik il-firma hijiex genwina ta' Liliana Cassar bil-karta ta' l-identita' numru 36685M, kif ukoll sabiex jistabilixxi jekk il-linka li ntuzat biex saret il-firma hiex l-istess wahda li ntuzat sabiex saret il-firma l-ohra fuq in-naha tal-lemin ta' l-istess dokument kif ukoll n-numru tal-karta ta' l-identita' numru 488863M, kif ukoll sabiex jezamina jekk din il-firma "L. Cassar" saritx mill-imputat. Ir-rapport tal-espert kaligrafu jinsab inserit a fol. 380 tal-process fejn huwa kkonkluda s-segwenti :-

*1. « Illi, l-informazzjoni estratta mill-annalisi komaprattiv tinsab annessa ma dan ir-rapport bhala tabella numru 1, fil-konfront ta' Sandro Schembri Adami u tabella numru 2, fil-konfront ta' Lilian Cassar.*

*2. Illi, l-esponent jiddikjara li ttraskriva fis-sewwa, fedelment u bl-ahjar hila u taghtrif, l-informazzjoni estratta minn kitba fil-kampjun tal-firem ta' Sandro Schembri Adami u ta' Lilian Cassar u minn fuq il-Bank Draft tal-Bank of Valletta a fol 117.*

*3. Illi, mill-analisi komaprattiv jirrizulta s-segwenti :*

*a. fil-konfront tal-firma ta' Sandro Schembri Adami fuq il-Bank Draft a fol 117, l-evidenza mill-analisi komparattiv hija tali li ma hemm l-ebda dubji li l-firma saret minn Sandro Schembri Adami.*

*b. Fil-konfront tal-firma ta' Lilian Cassar fuq il-Bank Draft a fol 117, l-evidenza mill-analisi komparattiv hija tali li ma hemm l-ebda dubju li l-firma mhux ta' Lilian Cassar. »*

In kwantu jirrigwarda t-tnax il-kaz, gie allegat li l-imputat immisapproprja mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) ghad-dannu tal-kompraturi Joseph u martu Valerie Camilleri. Fis-17 ta' Jannar 2006 il-Pulizija rceviet kwerela mill-Avukat Dr Malcolm Mifsud ghan-nom ta' Joseph Camilleri fejn dan spjega li fit-30 ta' Lulju 2003, flimkien mal-mara tieghu, akkwistaw maisonette fil-Hamrun minghand l-eredi

tal-konjugi Emmanuel u Giovanna Theuma. Spjega kif minkejja li lill-imputat kien tah mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) flus kontanti ghal skopijiet ta' taxxa fuq trasferiment ta' proprjeta' u sabiex b'hekk jinsinwa l-kuntratt, dan baqa' ma sarx. Dan gie kkonfermat mil-istess Joseph Camilleri meta xehed f'dawn il-proceduri kif ukoll mir-rapprezentat tal-Kummisarju tat-Taxxi Nterni. Fil-31 Jannar 2006 l-imputat rrilaxxja stqarrija[17] fejn dan ammetta li minkejja li kien irceva dawn il-mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210) ghal skopijiet ta' taxxa, huwa kien naqas milli jinsinwa dan il-kuntratt peress li ma kiex hallas il-boll fuq l-istess kuntratt izda fil-fatt kien uzahom sabiex jiffinanzja kuntratti ohra.

Finalment, it-tlettax-il kaz, inbeda fuq kwerela ta' l-Avukat Dr Stefan Camilleri LL.D. f'isem Class Properties Ltd (C23627) fejn dan allega misapproprjazzjoni ta' elf, tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm1358) mill-imputat ghad-dannu tal-imsemmija socjeta'. Ir-rapprezentanti tal-istess socjeta' xehdu li fl-1 ta' Gunju 2004, Class Properties kienu bieghu appartament u garaxx fil-Hamrun u minkejja li kienu ghaddew bank draft b'ammont ta' elf, tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm1358) lill-imputat sabiex bihom ihallas il-provisional capital gains tax, dan baqa' ma hallasx dawn il-flus u l-kuntratt eventwalment ma giex insinwat. Ghaddiet korrispondenza bejn il-partijiet u sahansitra l-imputat kien anke hareg cekk personali tieghu ghal dan il-ghan izda dan ic-cekk ma giex onorat u allura l-ammonti baqghu pendenti. Fit-28 ta' Settembru 2005, il-kwerelanti kellhom ihallsu, elf tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin (l-Lm1358) mill-gdid. Mill-provi rrizulta li l-bank draft ta' l-HSBC numru 19905[18] li Class Properties kienu originarjament ghaddew lill-imputat ghall-hlas tat-taxxa dovuta minnhom, kien gie pprezentat mill-imputat ghal skopijiet ta' boll fuq kuntratt iehor ta' donazzjoni. Fil-31 ta' Jannar 2006, l-imputat rrilaxxja stqarrija[19] fejn huwa ammetta li kien uza dawn il-flus mghoddija lilu minn Class Properties ghal hlas ta' taxxa fuq kuntratti ohra u mhux il-kuntratt li ghalih Class

[17] Inserita a fol. 130 u 131.
[18] Li kopja tal-image tieghu tinsab inserita a fol. 142.
[19] Inserita a fol. 139 u 140.

Properties kienu ghaddewhulu. Tant hu hekk li t-taxxa dovuta minn Class Properties baqa’ ma hallashiex hu kif kellu d-dmir jaghmel u dawn kellhom ihallsuha mill-gdid.

Ikkunsidrat :

Illi fil-proceduri odjerni l-imputazzjoni principali addebitata lill-imputat hija dik ta’ approprijazzjoni indebita kontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. L-elementi essenzjali tar-reat ta’ approprijazzjoni indebita kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta gew indikati bhala s-segwenti mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza tad-**9 ta Gunju 1998** fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Enrico Petroni et** fejn inghad li dan ir-reat isehh meta wiehed:-

1. jircievi flus jew xi haga minghand xi hadd;

2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b’mod specifiku;

3. u minflok ma jaghmel hekk, idawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghalih jew ghal haddiehor. [vide wkoll **Il-Pulizija v Alfred Grima et** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta’ Gunju 1998***].

Illi sabiex jissussisti dan ir-reat ghalhekk irid ikun hemm il-vjolazzjoni tal-fiducja permezz ta’ l-misapproprjazzjoni ta’ oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Effettivament il-vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor. Huwa necessarju ukoll illi jissussisti d-“dolo”, jigifieri l-konsapevolezza illi qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-proprjetarju tal-oggett jew tal-flus in kwistjoni. Finalment, jehtieg ukoll illi l-persuna tkun agixxiet sabiex tipprokura ghaliha innifsha jew ghal haddiehor profitt ingust.

Illi dwar il-profitt l-**Antolisei** (“**Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331**) jghid :

*Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che l’agente abbia conseguito un profitto perche’ dalla formola dell’articolo 646 si desume in modo inequivocabile che il profitto e’ soltanto una nota dell’elemento psicologico; e’ il fine a cui la volonta’ si deve dirigere. Non c’e’ dubio che il delitto e’ perfetto anche se tale fine non viene realizzato.*

Dan ifisser illi anke jekk effettivament is-suggett ma jottjeni l-ebda profitt ghalih, il-fatt illi l-intenzjoni tieghu kienet li jottjeni tali profitt huwa sufficjenti sabiex jissusisti r-reat ta’ misappropjazzjoni.

Illi ghalhekk l-awtur tar-reat in dizamina irid ikollu l-intenzjoni specifika li l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi mdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-propjetarju tal-istess oggett. Illi kif jispjega l-awtur **Francesco Antolisei “***La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio”* (**Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)**[20]

Illi f’sentenza ohra deciza mill-**Qorti ta’l-Appelli Kriminali** fl-ismijiet Il-**Pulizija vs John Gauci** deciza fl-**14 ta’ Frar 1997**, l-Qorti tispjega b’mod semplici l-elementi ta’ dana ir-reat:

“*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...".*

[20] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta’ Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

*Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.”*

Dwar id-dolo mehtieg ghal kummissjoni ta’ dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-**Qorti ta’l-Appell Kriminali** fit-**23 ta’ Dicembru 2003** fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista **Luigi Maino** fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta’ dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*“Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e’ necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta’, a scopo d’indebito profitto per se’ o per un terzo, il dolo sara’ costituito dalla volontarieta’ Della conversasione con scienza della sua illegittimita’, e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d’un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e’ [come nel furto e nella truffa] l’animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto,*

*dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi meta wiehed japplika dawn il-principji legali ghal fattispeci tal-kaz odjern wiehed ma jistghax ma jikkonkludix li f'kull wiehed mit-tlettax ir-rapport lli saret referenza ghalihom fil-paragrafi precedenti jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' misapproprijazzjoni li bih qed jigi akkuzat l-imputat. F'kull kaz il-Prosekuzzjoni fil-fatt irnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-kwerelanti kollha rispettivament fdaw xi haga f'idejn l-imputat sabiex isir minnha uzu specifikat, u cioe' li jhallas it-taxxa dovuta fuq il-kuntratt rispettiv lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, u fil-kaz ta' Liliana Cassar u Vincenza Muscat li jiddepozita il-bank draft il-Qorti sabiex l-ammont jigi zbankat minn Cassar, u fil-kaz tal-eredi ta' Joseph Darmanin sabiex wara li jircievi l-flus minghand il-bank Skocciz jghaddihom lill-eredi skond sehemhom mil-wirt, izda f'kull kaz l-imputat jew iddepozita il-flus relattivi fil-kont personali tieghu jew altrimenti utilizzahom sabiex ihallas taxxa dovuta fuq kuntratti ohra minnu pubblikati. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' kull kwerelant li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri, kif ukoll mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kif ukoll mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fejn f'kull kaz huwa ammetta li xjentement kien zamm il-

flus u ddispona minnhom b'mod differenti minn dak li kien gie specfikatament inkarigat jaghmel minn min ikkonsenjalu l-flus. Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni b'mod ghal kollox metikuluz u ezemplari resqet il-provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta r-reati ta' approprijazzjoni indebita kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali u dak ta' ksur doluz tad-dmirijiet ufficjali kontemplat fl-Artikolu 138 tal-Kodici Kriminali f'kull wiehed mit-tlettax il-kaz li jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz ta' Vincenza Muscat u Lilian Cassar il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bir-reat ta' truffa u frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali izda l-Qorti jidrilha li din l-imputazzjoni tista' titqies li hija assorbita fl-imputazzjoni ta' approprijazzjoni indebita.

In kwantu jirrigwarda l-kaz tal-imsemmija Lilian Cassar u Vincenza Muscat l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reati ta' falsifikazzjoni kontemplati fl-Artikoli 179, 167, 169, 183, 184 u 189 tal-Kodici Kriminali. Il-Qori jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u senjatament mix-xhieda ta' Vincenza Muscat u Lilian Cassar, kif ukoll mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc u mid-dokumenti minnu esebiti kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u mir-rapport tal-espert tal-kaligrafija Martin Bajada jirrizulta li l-imputat xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat, u cioe il-bank draft bil-firma falsifikata ta' Liliana Cassar, ghaliex huwa kien jaf li din il-firma ma saritx minn Liliana Cassar fil-mument li huwa ddepozita c-cekk jew bank draft relattiv fil-kont bankarju personali tieghu mal-Bank of Valletta. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tar-reat ta' uzu ta' dokument falsifikat kontemplat fl-Artikoli 169 u 184 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha wkoll li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet rigwardanti ir-reati kontemplati fl-Artikoli

50(a) tal-Kap.364 u 49(9))(b) ndikati mil-Avukat Generali fin-nota tieghu tad-19 ta’ Novembru 2008 u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tal-imsemmija mputazzjonijiet.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idoneja fic-cirkostanzi. Meta gie intavolat il-kaz odjern l-imputat kellu fedina penali netta kif jirrizulta mill-atti. Il-Qorti filwaqt li jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi anki ghaliex l-imputat kellu fedina penali netta meta tressaq il-Qorti bl-akkuzi odjerni u anki ghaliex huwa kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn ammetta dak li kien qed jigi allegat fil-konfronti tieghu, jidrilha wkoll li ghandha tissalvagwardja l-interess tal-vittmi billi timponi peina karcerarja sospiza izda billi tapplika wkoll l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn tordna lill-imputat ihallas lura lill-vittmi l-ammonti minnu misapproprijati. B’dan il-mod il-vittmi jkunu jistghu jissanaw il-posizzjoni taghhom u l-imputat jekk jonqos milli jeffetwa l-pagamenti relattivi fit-terminu lilu preskritt jibda jiskonta l-piena karcerarja effettva wara li ssir id-debita talba mill-kwerelanti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tad-19 ta’ Novembru 2008 b’mod partikolari l-Artikoli 17,18, 20, 31, 293, 294, 310, 308, 309, 167, 169, 183, 184 u 138 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 50(a) tal-Kap. 364 u l-Artikolu 49(9)(b) tal-Kap. 372 l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas l-ekwivalenti f’Ewro tas-segwenti ammonti lill-imsemmija persuni:-
L-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm1,500 lil Carmen Bartolo.
L-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm2790 lil Luciano Cristina.

L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm700 lil Kenneth Paul Galea.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm645 lil Terrence Abdila u lil Joanne Cassar.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta'Lm1540 lil Michael Muscat u lil Jonathan Psaila.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1050 lill-eredi ta' Joseph Hili.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm455 lil Stephania Dimech Difesa.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1750 lil Charlo' u Hilda Magro.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta'Lm1365 lil Pauline Mifsud.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' GBPStg 2140.37 lill-eredi ta' Joseph Darmanin.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm210 lill-eredi ta' Saviour Borg.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1750 lil Vincenza Muscat u lil Liliana Cassar.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm210 lil Joseph u Valerie Camilleri.
L-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1358 lil Class Properties Limited.

Barra minn hekk il-Qorti tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikoli 140 u 190 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti inoltre trodna li estratt ta' din is-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Arikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------